



2023/2640

23.11.2023

**DEĊIJONI TAL-KUNSILL (UE) 2023/2640**

**tal-20 ta' Novembru 2023**

**dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE,  
dwar l-emendar tal-Anness IV (Enerġija) għall-Ftehim ŻEE (EPBD: qafas ta' metodoloġija  
komparattiva)**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 194(2), flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2894/94 tat-28 ta' Novembru 1994 dwar l-arranġamenti għall-implimentazzjoni tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea (¹), u b'mod partikolari l-Artikolu 1(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea (²) ("il-Ftehim ŻEE") daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 1994.
- (2) Skont l-Artikolu 98 tal-Ftehim ŻEE, il-Kumitat Konġunt taż-ŻEE jista' jiddeċiedi li jemenda, fost l-oħrajn, l-Anness IV (Enerġija) għall-Ftehim ŻEE.
- (3) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 244/2012 (³) jenħtieġ li jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.
- (4) Għalhekk, jenħtieġ li l-Anness IV (Enerġija) għall-Ftehim ŻEE jiġi emendat skont dan.
- (5) Għalhekk, il-pożizzjoni tal-Unjoni fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE jenħtieġ li tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' Deċiżjoni meħmuż,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

**Artikolu 1**

Il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni, fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE dwar l-emenda proposta tal-Anness IV (Enerġija) għall-Ftehim ŻEE, għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE meħmuż ma' din id-Deċiżjoni.

**Artikolu 2**

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, l-20 ta' Novembru 2023.

*Għall-Kunsill  
Il-President  
H. Crevits*

(¹) ĠU L 305, 30.11.1994, p. 6.

(²) ĠUL 1, 3.1.1994, p. 3.

(³) Ir-Regolament ta' delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 244/2012 tas-16 ta' Jannar 2012 li jissupplimenta d-Direttiva 2010/31/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija billi jistabbilixxi qafas ta' metodoloġija komparattiva għall-kalkolu tal-livelli kostottimali tar-rekwiżiti minimi tar-rendiment enerġetiku tal-bini u tal-elementi tal-bini (ĠU L 81, 21.3.2012, p. 18).

ABBOZZ

**DEĊIJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE NRU ...**

ta' ...

**li temenda l-Anness IV (Enerġija) għall-Ftehim ŻEE**

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea (“il-Ftehim ŻEE”), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 244/2012 tas-16 ta' Jannar 2012 li jissupplimenta d-Direttiva 2010/31/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija billi jistabbilixxi qafas ta' metodoloġija komparattiva għall-kalkolu tal-livelli kostottimali tar-rekwiżiti minimi tar-rendiment enerġetiku tal-bini u tal-elementi tal-bini (¹) ser jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.
- (2) Minħabba l-ispeċifitajiet tal-istokk tal-bini relativament récenti u uniformi tal-Iżlanda, intlaħaq qbil dwar eżenzjoni temporanja u kondizzjoni mill-applikazzjoni tad-Direttiva 2010/31/UE dwar ir-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija, skont id-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 135/2022 tad-29 ta' April 2022 li temenda l-Anness IV (Enerġija) tal-Ftehim ŻEE. Din l-eżenzjoni tapplika għad-Direttiva 2010/31/UE kif kienet fis-seħħ qabel l-emenda bid-Direttiva (UE) 2018/844 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018. Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament Delegat (UE) Nru 244/2012 ma jaapplikax għall-Iżlanda. L-eżenzjoni hija strettament limitata fiż-żmien u jenħtieġ li tapplika biss sakemm isir qbil dwar l-inkorporazzjoni tad-Direttiva 2010/31/UE kif emendata bid-Direttiva (UE) 2018/844 fil-Ftehim ŻEE. Ftehim jenħtieġ li jitqies li ntlaħaq ladarba d-Direttiva 2010/31/UE kif emendata bid-Direttiva (UE) 2018/844 tkun għiet inkorporata fil-Ftehim ŻEE.
- (3) Għalhekk, jenħtieġ li l-Anness IV għall-Ftehim ŻEE jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-punt li ġej jiddaħħal wara l-punt 17 (id-Direttiva 2010/31/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) tal-Anness IV għall-Ftehim ŻEE:

“17 a. **32012 R 0244:** Ir-Regolament ta’ delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 244/2012 tas-16 ta’ Jannar 2012 li jissupplimenta d-Direttiva 2010/31/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija billi jistabbilixxi qafas ta’ metodoloġija komparattiva għall-kalkolu tal-livelli kostottimali tar-rekwiżiti minimi tar-rendiment enerġetiku tal-bini u tal-elementi tal-bini (ĠU L 81, 21.3.2012, p. 18).

Għall-finijiet ta’ dan il-Ftehim, id-dispożizzjonijiet tar-Regolament għandhom jinqraw bl-adattament li ġej:

Ir-Regolament ma għandux jaapplika għall-Iżlanda.”.

*Artikolu 2*

It-test tar-Regolament ta’ Delega (UE) Nru 244/2012 bl-Iżlandiż u n-Norveġiż, li ser jiġi ppubblikat fis-Suppliment dwar iż-ŻEE ta’ Il-Ġurnal Uffiċjal tal-Unjoni Ewropea, għandu jkun awtentiku.

¹) ĠU L 81, 21.3.2012, p. 18.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fi ..., dment li jkunu saru n-notifikasi kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ŻEE \*, jew fil-jum tad-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 135/2022 tad-29 ta' April 2022 (‡), skont liema data tkun l-iżjed tard.

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE ta' Il-Ġurnal Uffiċċiali tal-Unjoni Ewropea u fis-Suppliment tiegħi dwar iż-ŻEE.

Magħmul fi Brussell, ....

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE  
Il-President*

*Is-Segretarji  
Tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

---

\* [Ma huwa indikat l-ebda rekwiżit kostituzzjonali.] [Huma indikati rekwiżiti kostituzzjonali.]  
(‡) ĠU L 246, 22.9.2022, p. 87.